# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Hamis tlieta (3) ta' Novembru 2016**

**Rikors Numru 18/15 FDP**

**Silvio Scerri**
**(ID 338767M)**

**vs**

**Alexander Attard**
**(ID 456067M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit 14 ta' Jannar 2015 fejn ir-rikorrenti, filwaqt illi ghamel referenza ghall-artikolu intitolat "***Paul Sheehan imgieghel jigdeb li spara fl-arja***" ippubblikat fil-gazzetta In-Nazzjoni tat-Tnejn 24 ta' Novembru 2014, talab lill-Qorti tiddikjara tali artikolu bhala libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk, talab wkoll lill-Qorti tikkundanna lill-intimat, bhala editur ta' l-istess gazzetta, ihallsu danni ai termini tal-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Rat l-eccezzjonijiet ta' l-intimat ippresentati fit 30 ta' Jannar 2015 fejn sahaq illi ma kien hemm xejn libelluz fl-artikolu peress illi huwa bbazat fuq fatti verifikabbli u kienu kummenti dwar kwistjonijiet fl-interess pubbliku dwar persuna pubblika.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent **Silvio Scerri** moghtija fil 5 ta' Ottubru 2015 u fit 12 ta' Novembru 2015.

Rat illi fis 27 ta' Gunju 2015, l-intimat ressaq eccezzjoni ulterjuri fejn stqarr illi huwa ma kienx l-editur registrat tal-gazzetta in-Nazzjon fil-mument illi saret il-pubblikazzjoni, u ghal dan il-ghan ippresenta certifikat mahrug mill-Ufficcju tar-Registratur tal-Istampa datat 12 ta' April 2016 fejn

gie ddikjarat illi fl-24 ta’ Novembru 2014, l-Editur registrat tal-gazzetta In-Nazzjon kien Nathaniel Attard.

Rat il verbal li sar fis-seduta tal-14 ta’ Lulju 2016 fejn, filwaqt illi r-rikorrent ikkonceda illi l-intimat ma kienx l-editur tal-gazzetta In-Nazzjon fid-data tal-pubblikazzjoni meritu tal-kawza odjerna, talab illi jkun jista jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet moghtija fl-10 ta’ Ottubru 2016, wara liema data il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi l-intimat, fil-mument tal-pubblikazzjoni ta’ l-artikolu meritu tal-kawza odjerna, ma kienx l-editur registrat tal-gazzetta In-Nazzjon.

Jirrizulta illi, a tenur ta’ l-artikolu 23 tal-Kap 248, kull azzjoni tista tittiehed kontra:

> *(a) l-awtur tal-kitba, jekk huwa jkun kitibha sabiex tiġi ppubblikata, jew jekk ikun ta’ l-kunsens tiegħu għal hekk;*
>
> *(b) l-editur;*
>
> *jew, jekk dawk il-persuni ma jkunux jistgħu jiġu identifikati,*
>
> *(ċ) ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni.*

Jirrizulta illi, ghalhekk, l-azzjoni odjerna ma setghetx tittiehed kontra l-intimat Alexander Attard, stante illi huwa la huwa l-awtur tal-kitba u lanqas l-editur tal-gazzetta, u wisq anqas ma jista jitqies bhala il-persuna responsabbli ghall-pubblikazzjoni ossija gazzetta stante illi l-editur tal-gazzetta seta jigi identifikat, u gie attwalment identifikat bhala Nathaniel Attard.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti, ghalhekk

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha,

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tillibera** lill-intimat mill-osservanza tal-gudizzju, u ghalhekk

**Tichad** it-talbiet attrici kif dedotti.

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu a karigu tar-rikorrent.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur